MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-26 ta' Frar, 2007

Numru 9/2005

**Ir-Repubblika ta’ Malta**
**Vs**
**Hammadi Ben Abdallah Rumdani**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 9 tas-sena 2005 kontra l-akkuzat Hammadi Ben Abdallah Rumdani, li bih huwa gie akkuzat talli:

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Kap wahdani talli nhar it-Tlieta, wiehed u tletin t’Awissu tas-sena elfejn u erba, gewwa l-Barracks tal-Forzi Armati ta’ Malta gewwa Hal-Safi, nstab mejjet, mhux b’kawzi naturali, certu bniedem bl-isem ta’ Mohsen Ben Khediri Ben Ali, ta’ nazzjonalita’ Tunezina.

F’xi hin qabel ta’ dak il-lejl, jirrizulta li kien hemm xi glied bejn xi immigranti llegali, ossia klandestini, fosthom l-istess mejjet Ben Ali u l-akkuzat Hammadi Ben Abdallah

Rumdani. Mhux maghruf x’ ta lok ghal tali glied bejniethom, imma li huwa zgur huwa li f’hin minnhom, Abdallah Rumdani fforma l-hsieb specifiku w l-intenzjoni specifika li joqtol lil Ben Ali jew li jpoggielu hajjtu f’periklu car u manifest. Dana, billi wera tali intenzjoni meta qabad f’idejh bicca hadida, li kienet taghmel parti minn tistiera tas-sodda, u beda jaghti biha fuq ras Ben Ali, tant li b’ diversi daqqiet li tah f’diversi partijiet ta’ gismu, principalment f’rasu, faqalu l-kranju, w, bhala konsegwenza diretta, miet ftit tal-hin wara.

Illi b’eghmilu l-imsemmi Hammadi Ben Abdallah Rumdani sar hati ta’ omicidju volontarju, w cioe’ talli, dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Mohsen Ben Khediri Ben Ali jew li jqieghed il-hajja tieghu f’periklu car, ikkagunalu l-mewt.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Hamadi Ben Abdallah Rumdani hati ta’ omicidju volontarju, w cioe’ talli, dolozament, bil-hsieb li joqtol lil persuna ohra jew li jqieghed il-hajja taghha f’periklu car, ikkagunalha l-mewt.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat, u li huwa jigi kkundannat u jehel il-piena ta’ prigunerija ghal ghomru, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 211(1)(2), 492, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista’ tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-Rikors konguntiv tal-Avukat Generali w tal-akkuzat tal-21 ta’ Frar, 2007 li bih, wara li ddikjaraw li kienu qablu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali, talbu li din il-Qorti, fl-eventwalita’ li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzat Hammadi Ben Abdallah Rumdani ghall-akkuza migjuba kontrieh, il-piena li ghandha tigi inflitta fuqu minn din il-Qorti ghandha tkun wahda ta’ prigunerija ghall-periodu ta’ tminja w ghoxrin (28) sena, oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni w sejbien ta’ htija.

Rat in-Nota tal-akkuzat tat-22 ta’ Frar, 2007 li biha informa lil din il-Qorti li hu kien ser jammetti ghall-akkuza migjuba kontra tieghu fl-att ta’ l-akkuza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum l-akkuzat, mistoqsi jekk hux hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li hu kien hati tar-reat hemm dedott kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ din it-twegiba w tatu ftit taz-zmien biex jerga’ lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-akkuzat baqgha jtenni t-twegiba li hu kien hati;

Tiddikjara ghalhekk lil Hammadi Ben Abdallah Rumdani hati skond il-kap wahdani ta’ l-Att ta’l-Akkuza w cioe’ talli fil-31 t’Awissu 2004, gewwa l-Barracks tal-Forzi Armati ta’ Malta gewwa Hal-Safi, dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Mohsen Ben Khediri Ben Ali jew li jqieghed il-hajja tieghu f’periklu car, ikkagunalu l-mewt.

Ikkonsidrat

Li ghalkemm il-piena ghad-delitt ta’omicidju volontarju hija dik ta’ prigunerija ghall-ghomor, l-artikolu 492 (1) tal-Kodici Kriminali jghid li , meta f’ xi stadju qabel ma jigi fformat il-guri l-akkuzat jammetti l-htija tieghu, il-Qorti tista’, minflok il-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor, taghti l-piena ta’ prigunerija ghal zmien minn tmintax il-sena sa tletin sena.

U peress li din il-Qorti, wara li qieset il-fatturi kollha rilevanti ghall-erogazzjoni tal-piena komprizi l-ammissjoni bikrija tal-hati, l-fedina penali precedenti tieghu f’ Malta w c-cirkostanzi l-ohra kollha tal-kaz, hija sodisfatta li l-kombinazzjoni ta’ sanzjonijiet u mizuri mitluba fir-rikors konguntiv tal-Prosekuzzjoni w tal-hati jaghmluhom legittimu li hija timponi f’dan il-kaz u ghalhekk ma ghandhiex tordna li jitkompla li jsir il-guri, u wara li spjegat lill-hati bi kliem car x’ inhuma l-konsegwenzi tat-talba tieghu, w wara li qieset l-ammissjoni tal-hati kif fuq intqal, issa qed taghti s-sentenza indikata lilha mill-partijiet u fuq

talba taghhom a tenur tal-artikolu 453A (2) tal-Kodici Kriminali.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 211(1)(2), 492, 22, 23, 453A (2), u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-hati Hammadi Ben Abdallah Rumdani ghall-piena ta' tminja w ghoxrin (28) sena prigunerija – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reat hawn minnu ammess - kif ukoll tikkundannah ihallas minnufieh is-somma ta' seba mija w tminja u disghin lira Maltin u erbghin centezmu (LM798.40c.) rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------